Minuti tal-Laqgħa Nru. 33 tas-Seba' Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 173, Triq il-Ġdida, Luqa, nhar l-Erbgħa 15 ta' Frar 2018 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Il-Kunsilliera | Is-Sra. Denise Cutajar |
| | Is-Sinjura Elaine Camilleri Schembri<br>Is-Sur. Victor Caruana<br>Is-Sinjura. Lucia Massa<br>Is-Sur Eric Camilleri |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |
| Skużat | Is-Sur. Kearon Bruno |
| Preżenti wkoll | Is- Sur. Joseph Piscopo (Accountant tal-Kunsill) |

---

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni tal-Financial Statements u Laqgħa Anwali
5. Miżura 4.3
6. Road Markings
7. Inawgurazzjoni Digital Display u Lattrina
8. Approvazzjoni tal-Ħlasijiet
9. Aġġornament

Is-Sindku semma li peress li matul din il-laqgħa se jkollna napprovaw il-financial statements se jkun hemm tibdil żgħir fl-aġenda u talab lis-Segretarju jippreżenta l-Aġenda emednata lill-Kunsilliera. Is-Sindku talab sabiex ngħaddu mill-ewwel għall item tal-Approvazzjoni tal-Financial statements peress li kien hemm l-accountant preżenti. Il-Kunsilliera preżenti qablu.

## 4.0 APPROVAZZJONI TAL-FINANCIAL STATEMENTS U LAQGĦA ANWALI.

4.1 Is-Sindku stieden lill-accountant sabiex jagħti spjegazzjoni tal-financial statements. Is-Sur. Piscopo beda billi qal li matul is-sena l-oħra l-Kunsill Lokali għalaq b' surplus ieħor ta' madwar Euro 86,000 li dan ħareġ kaġun tad-deprezzament kif kien applikat.

4.2 Is-Sur. Piscopo għamel referenza għan noti u x' jiġbru fihom u anki kompla jagħti dettal fuq in-nefqa tal-Kunsill. Huwa spjega l-istatement of Financial Position u minnu ikkonkluda li bħala Kunsill jinsab f' pożizzjoni finanzjarja b' saħħitha.

4.3 Is-Sur. Piscopo saqsa jekk kienx hemm xi mistoqsijiet minn fost il-Kunsilliera imma ma kienx hemm. Is-Sindku talab għall approvazzjoni. Proponent kien hemm il-Kunsillier Camilleri u ssekondati mill-Viċi Sindku.

4.4 Is-Sindku semma li għall laqgħa annwali qed jipproponi sabiex din issir wara l-ewwel ġimgħa ta' Marzu idealment għall nofs ix-xahar. Kien hemm proposta sabiex din issir fis-16 ta' Marzu.

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Ma kienx hemm korezzjonijiet. Proponent il-Kunsilliera Lucia Massa u sekondant il-Viċi Sindku.

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Ma kienx hemm punti imqajjma mill-minuti.

## 3.0 KORRISPONDENZA

3.1 Is-Segretarju semma li rċevejna email minn naħa tal-Luqa Youth Centre sabiex ikunu nominati għall Ġieħ Ħal Luqa. Is-Segretarju fakkar lill-Kunsilliera li s-sena l-oħra kienet tressqet proposta li s-Sindku jingħata Ġieħ Ħal Luqa flimkien mal-Kappillan imma billi kien

żmien ta tensjoni għax kien hemm l-elezzjoni ġejja kienet posposta. Is-Segretarju semma li l-Kunsill Lokali kien jaqbel fil-prinċipju mal-proposta u qal li dak li jintqal fil-Kunsill għandu binding legali u għalhekk għandu jiġi eżegwit.

3.2 Is-Sindku ikkonferma x' kien iddeċieda l-Kunsill Lokali u huwa xieraq li peress li l-Kappillan m' għadux f' din il-Parroċċa tagħna il-persuna li għandha tintgħażel tkun persuna li għandha tintgħażel mill-kamp politiku oppost sabiex ikun hemm ugwaljanza u tkun tat servizz aktar minn 20 sena fil-Komunita għalhekk huwa ippropona li jkun hemm il-Kunsillier Victor Caruana li għandu jingħata Ġieħ Ħal Luqa. Il-Kunsillier Caruana irringrazzja lis-Sindku u l-Kunsill kollu talli għoġbu jipproponi lilu wkoll flimkien mas-Sindku biex jingħataw Ġieħ Ħal Luqa.

3.3 Il-Kunsillier Camilleri semma li huwa kien qed jikknsidra li għall Jum Ħal Luqa noħolqu l-Maypole fil-pjazza, imma wara li anki tkellem ma persuni li ġieli orġanizżaw il-ġostra ra li dan jista jkun perikoluż speċjalment jekk jaqa xi ħadd.

3.4 Il-Viċi Sindku qalet li minn naħa tar-Reġjun jagħtu xi fondi li nistgħu nużaw għall attività li qed nippjanaw bħal pereżempju għad dawl.

3.5 Il-Kunsillier Camilleri qal li l-aħjar li l-attivita prinċipali issir is-Sibt filgħaxija. Is-Sindku semma li fil-Jum il-propja li jkun Jum Ħal Luqa norganiżżaw ħarġa għall anzjani.

3.6 Il-Kunsillier Caruana fakkar lil Kunsillier Camilleri biex jiċċekkja dwar il-ferrovija li nistgħu nġibu dakinhar biex iddur madwar Ħal Luqa.

3.7 Il-Kunsillier Caruana semma li hemm bżonn li fejn il-Mużew trid issir tabella bl-ispeed limit.

**Il-Kunsillier Caruana talab sabiex ikun skużat waqt il-laqgħa fis-6.30 pm**

3.8 Is-Segretarju qara email li kienet proposta biex jiġu installati servizzi ta' Wifi fejn hemm postijiet li huma remoti bħala inizjattiva Ewropeja. Kien hemm suġġeriment sabiex dawn isiru ġewwa Ħal Farruġ.

## 5.0 MIŻURA 4.3

5.1 Is-Sindku semma li huwa kien attenda għall laqgħa informattiva dwar miżura 4.3 fejn dawk preżenti kienu infurmati li x-xogħol irid jitlesta sal-aħħar ta' Ġunju. Is-Sindku qal li kien hemm minn gerger ħafna anki minħabba li jridu jinħarġu t-tenders.

5.2 Is-Sindku qal li minn naħa tal-Paying Agency anki infurmawna li fil-jiem li ġejjin se javviċinawna għall iffirmar tal-kuntratt.

## 6.0 ROAD MARKINGS

6.1 Is-Sindku semma li huwa kien tħabat ħafna sabiex minn naħa tat-Transport Malta japprovaw it-traffic management għall fejn hemm Wesgħet il-Vittmi tal-Gwerra. Is-Sindku ħeġġeġ lill-Kunsilliera biex jaraw kif se jkun it-traffic management u spjega kif se taħdem is-sistema.

6.2 Is-Sindku semma li se jkollna nimplimentaw din is-sistema billi kien hemm ħafna periklu hawnhekk u qed nagħmlu dan għall ġid tar-residenti. Il-Kunsilliera preżenti qablu ma din id-deċiżjoni.

6.3 Is-Sindku tkellem fuq każ li ġara fejn il-Każin tal-Unjoni fl-Isqaq billi kien hemm vann li qed jostakkola u kien hemm diżgwid bejn it-Takeaway u r-residenti li joqgħod hemhekk fejn anki spiċċat daħlet il-Pulizija.

6.4 Is-Sindku qal li fuq dan il-każ kien kiteb lil Transport Malta sabiex dan l-Isqaq ma jerġax ikun ibblokatt u minn naħa tagħhom approvaw sabiex ikun hemm bollard. Is-Sindku semma li hawnhekk se ssir bollard bil-katnazz u minn ikollu bżonn jiftaħ il-passaġġ jrid jitlob permess mill-Kunsill. Il-Kunsilliera preżenti qablu li għandha tiġi implimentata din il-miżura.

## 7.0 INAWGURAZZJONI DIGITAL DISPLAY U LATTRINA

7.1 Is-Sindku semma li kienet saret laqgħa mal-Kummissarju biex jkun ikkordinat kif id-digital display se tkun qed tieħu d-dawl mill-Għassa tal-Pulizija li kienet pożittiva ħafna.

7.2 Is-Sindku semma li x-xogħolijiet fuq il-lattrina kienu tlestew kompletament u issa irridu nibdew naħsbu għall inawgurazzjoni tagħha. Huwa ippropona li din l-inawgurazzjoni issir għall ewwel ġimgħa ta' Marzu.

## 8.0 APPROVAZZJONI TAL-ĦLASIJIET

8.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet dwar ħlasijiet.

## 9.0 AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa tal-Kunsill ġiet fi tmiemha nhar L-Erbgħa 15 ta' Frar 2018 fis-6.45 pm. Kien hemm il-ġurnata tas-16 ta' Marzu proposta għall laqgħa li jmiss.

Konfermati llum ________________________2018.

_____________________ John Schembri
Sindku

_____________________ Michael Portelli
Segretarju Eżekuttiv